**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 23

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 24 ta' Frar, 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-4:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Diane Abela Penza – Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġij kien hemm waħda mingħand is-Sa Diane Abela Penza. Din l-ittra ġiet approvatha unanimament mill-Kunsill kollu.

## 23.2 Punti mqajma, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 22

23.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tnejn u għoxrin-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

23.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

23.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Carl Betts, l-minuti tat-tnejn u għoxrin-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar meeting li huwa ġie mistieden għalih flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u dan biex, jiġu diskussi materji pendenti li għandu l-Kunsill ma' Transport Malta. Il-Meeting sar għand Transport Malta mas-Sinjura Karen Farrugia (COO). Barra s-Sinjura Farrugia kien hemm preżenti wkoll il-Perit Audrey Demicoli u s-Sur Michael Cohen. Is-Sindku spjega kif huwa fakkar fil-problema li hemm biex ir-residenti jaqsmu minn ħdejn iċ-ċimiterju, fejn anke saret referenza għal-proposti tal-kunsill dwar din il-problema li kienu intbgħatu b'ittra lil TM.

23.3.1.2 L-uffiċċjali preżenti kollha nsistew li pelican lights fejn qed jitlob il-Kunsill huma mpossibli li jsiru. Ukoll is-Sur Dalli qal kif l-uffiċċjali nfurmawh li talbiet għal speed cameras f'għajnejn Transport Malta alissa mhux ser isiru għaliex dik hija l-aħħar miżura li jagħżlu bħala traffic calming measure. L-uffiċjali ta' TM preżenti qalu wkoll li bħalissa f'dik l-akwata qed isir upgrade bi konsultazzjoni ma' IM li huma qed jippreparaw, fosthom qed isir audit tat-traffiku li jgħaddi minn ħdejn ir-roundabout tal-Mercedes sar-roundabout ta' Ħal Lija.

23.3.1.3 Waqt dan il-meeting, il-Kunsill ġie mitlub biex jistenna daqsxejn sakemm jiġi ffinalizzat dan l-audit u l-pjanijiet li huma għandhom u li qed jagħmlu ma' IM. Is-Sindku qal kif huwa f'isem il-Kunsill talab kopja tal-pjanti kollha li qed iħejju appenda dawn jkunu lesti u biex qabel ma jiġi mplimentat xi ħaġa, l-kunsill ikun jista jiddiskuti internament fl-interess tas-sigurta tar-residenti.

23.3.1.4 Wara s-Sindku qal kif huwa fakkar ukoll lil TM fil-problema li għandhom in-nies li joqgħodu fl-akwata ta' Senna biex joħorġu u jidħlu fi djarhom. Huwa rrimarka kif dawn ukoll hemm bżonn li jiġu nklużi fl-upgrade li qed tipprepara TM, inkluż in-naħa tal-JYSK għaliex lanqas bankina ma teżisti.

23.3.2 Is-Sur Dalli wara tkellem fuq ix-xogħol li kien qed isir fi Triq Mons J. Fenech. Huwa spjega kif dan ix-xogħol ġie ffinalizzat is-Sibt li għadda u jidher li sar tajjeb, biss fadal xi ftit affarijiet żgħar li l-Perit huwa avżat dwarhom biex jieħu ħsieb li jitwettqu.

23.3.3 Is-Sindku qal kif rigward ix-xogħol ta' main ġdid li qed jagħmlu l-WSC fi Triq il-Kuncizzjoni, jidher li miexi kif proġettat. Huwa għarraf lil Kunsilliera kif kien hemm xi problemi fis-sistema tad-drainage però sissa jidher li kollox ġie solvut u qed jittama li ma jinqala xejn aktar.

23.3.4 Is-Sur Dalli qal kif kellu wkoll meeting ma' Uffiċċjali minn IM u WSC fi Triq il-Kunċizzjoni Sqaq Nru: 1, rigward il-problema li għadha qed tippersisti ta' leakage ta l-ilma f'basement ta' dar ta' residenta li tinsab fi Triq il-Kunċizzjoni. Huwa spjega lil Kunsilliera kif qed isiru l-aħħar konsultazzjonijiet dwar din il-problema biex forsi finalment jitkompla l-aħħar wiċċ f'dan l-isqaq, għaliex minħabba din il-problema x-xogħol twaqqaf ftit.

23.3.5 Is-Sindku spjega kif nhar il-Ġimgħa li għadda attenda għal konferenza tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, fejn ġie varat il-Proġett minn Pjazza għall-Pjazza. Huwa qal kif jixtieq li ssir laqgħa bejn il-Kunsilliera kollha fi stadju ta'

Kumitat hekk kif jaslu l-kundizzjonijiet ta' dan il-proġett, biex il-Kunsill ikun jista jiddeċiedi, jekk dejjem irid, dwar l-applikazzjoni li ser jissottometti flimkien mat-tema ta' l-attivita li tkun ser tiġi organizzatha. Għal din is-sena hemm ċans li jingħtażlu 15 il-Kunsill Lokali biex jieħdu sehem. Hemm budget ta' €25,000 għall-ispejjeż ta' dan il-proġett.

23.3.6 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-konferenz fejn ġiet ippreżentatha lil Kunsill Lokali l-ittra ta' aċċettzzjoni ta' € 88.000 rigward l-applikazzjoni li ġiet sottomessa biex tinbena mill-ġdid il-latrina tal-Pjazza.

23.3.7 Is-Sur Dalli qal kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-launch ta' l-iskemi għas-sena 2026, fejn il-Kunsilli Lokali ġew imħeġġa biex japplikaw. Huwa żied jgħid kif dan huwa mportanti, ghax jekk ma napplikawx, mill-allokazzjoni ma jifdalx wisq biex jinħolqu proġetti.

23.3.8 Is-Sur Dalli għarraf lil Kunsilliera kif , ser jibda dalwaqt il-proċess ta' bdil tal-karta ta' l-Identita ġo Hal Lija. Dan il-proċess aktarx li ser isir mill-Erbgħa 6 ta' Mejju 2026 sas-Sibt 9 ta' Mejju 2026, ġewwa s-Sala Villa Lija, Triq il-Kbira, Ħal Lija. L-Avviżi rigward dan il-proċess ser jinħarġu aktar tard mill-awtorita stess u jingħataw lil Kunsill Lokali biex in-nies jkunu avżati.

23.3.9 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif il-Kunsill ġie mitlub mis-Soċjeta Mużikali San Pio X fejn qed tintalab l-għajnuna biex isiru xi toqob għal-tlett antarjoli oħra. Din it-talba qed tiġi diskussa mad-Dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi.

23.3.10 Is-Sur Dalli spjega kif qiegħed f'xi taħdidiet mal-Għaqda Festi Esterni biex il-Kunsill jekk jista jgħin ukoll flimkien mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex l-antarjoli kollha mill-Pjazza Trasfigurazzjoni sat-Torri jitilgħu fuq il-bankina biex ma jkun hemm parkeġġi mitlufa.

## 23.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

23.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 23.5 Korrispondenza

23.5.1 Rapport tal-korrispondenza anness mal-minuti. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera, biex ikunu jafu dwar xiex jittrattaw ċertu korrispondenza li ntbgħatet, saru fuq:

a. 2026/000032
b. 2026/000036
c. 2026/000046
d. 2026/000081
e. 2026/000092
f. 2026/000105
g. 2026/000114
h. 2026/000144

23.5.2 In-natura ta' kull korrispondenza msemmija hawn fuq ġiet spjegatha fil-qosor mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera ġew imfakra kif huma jistgħu jżuru l-uffiċċju tal-Kunsill fil-ħinijiet tal-ftuħ u jaraw din il-korrispondenza mill-file aktar fid-dettal.

## 23.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Rapport – Pjan ta' Ħidma 2026-2030

23.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja tar-rapport tal-pjan ta' ħidma (business plan) għall-perjodu 2026-2030. Dan ir-rapport ġie preparat bl-għajnuna tal-*accountant* inkonnessjoni mar-rapport finali tal-estimi finanzjarji għas-sena 2026, li ġie approvat fis-seduta li għaddiet. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'imejl lil kunsilliera kollha. Preżenti waqt din il-laqgħa kien hemm ukoll l-*accountant* tal-kunsill.

23.6.2 Ġie spjegat kif dan il-pjan ta' ħidma ġie ppreparat abbażi tal-budget 2026. Barra minn hekk dan il-pjan ta' ħidma simili ħafna għal pjan ta' ħidma li kien ġie preżentant għal ħames snin ta' qabel, biss hemm xi tibdiliet żgħar.

23.6.3 Wara l-ispjegazzjoni, il-kunsilliera ġew mistoqsija jekk għandhomx xi mistoqsijiet. Mistoqsijiet ma kienx hemm u dan ir-rapport ġie unanimament approvat fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Carl Betts.

## 23.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Raba' Rapport ta' Kull kwart għall-perjodu Jan sa Diċ 2025

23.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq mejda r-raba rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jan sa Diċembru 2025. Dan ir-rapport ġie kkumpilat mill-accountant tal-Kunsill Lokali li kienet preżenti waqt is-seduta.

23.7.2 L-accountant tat spjegazzjoni fil-qosor ta' dan ir-rapport u dwar xiex jittratta. Wara l-ispjegazzjoni li ngħatat, il-kunsilliera ġew mistoqsija jekk għandhomx mistoqsijiet. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

23.7.3 Dan ir-Rapport, flimkien mal-ispjegazzjoni mgħottija, ġie approvat unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Betts li kien issekondat mill-Viċi Sindku Cini.

## 23.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Rapport – Unaudited Financial statements 2025

23.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-rapport tal-abbozz tal-Istqarrijiet finanzjarji (Unaudited Financial statements) għas-sena 2025. L-accountant tal-Kunsill Lokali kienet preżenti u tat spjegazzjoni tar-rapport.

23.8.2 L-accountant spjegat daqsxejn id-dħul u l-ispejjeż li kellu l-Kunsill għas-sena 2025. Qalet li dan ir-rapport fih jiġbor l-informazzjoni kollha dwar is-sistema ta' *accounts* li għandu l-kunsill u dan ir-rapport ġie propju ppreparat għall-*audit* li ser isir dalwaqt bħala rendikont tas-sena 2025.

23.8.3 Ir-Rapport tal-abbozz tal-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2025 ġie approvat unanimament mill-kunsill, fuq proposta tal-Kunsillier Carl Betts li kien issekondat mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini.

## 23.10 Aġġornament dwar is-Sejħa ta' Impjieg Skala 15 / FT

23.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv aġġornat lil Kunsilliera kollha dwar din is-sejħa. Hija qalet kif nhar it-Tlieta 3 ta' Frar saru l-interviews lit-tlett individwi li applikaw mill-lista kif mibgħuta minn Jobsplus. Preżenti waqt din l-interviews kien hemm hija flimkien mas-Sindku Anthony Dalli, il-Viċi Sindku Calcedonio Cini u il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia.

23.10.2 Abbażi tat-tlett interviews li saru l-membri tal-bord qablu dwar l-għażla ta' applikant minnhom, is-Sur Stefano Spiteri u kemm il-darba l-Kunsill kollu jaqbel dwar din l-għażla u s-Sur Spiteri għadu disponibbli, is-Se Seguna ser tkompli bil-proċedura ta' impjieg. Il-Kunsill ser jinżamm aġġornat f'kull stadju ta' din il-proċedura.

23.10.3 Il-Membri tal-Kunsill kollu unanimant approvaw li jiġi ngaġġat is-Sur Spiteri fil-pożizzjoni ta' Skrivan klerikali Skala 15 F/T.

## 23.11 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

23.11.1.1 <u>Talba one-way Triq Massimilano Debono.</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill talba mingħand residenta biex Triq M. Debono tiġi one-way minħabba li kif inhi bħalissa two-way, il-karozzi biex jgħaddu tnejn f'daqqa qed jolqtu u jagħmlu ħsara lil ħajt ta' din ir-residenta.

23.11.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif l-amministrazzjoni diġà applikat għal bollards ma' TM fuq xewqa tar-residenta biex iservu ta' ilqugħ għal ħajt tagħha, però Transport Malta ma laqatx din it-talba u nfurmat lir-residenta u lill-Kunsill biex jikkunsidraw alternatitvi oħra ta' calming measures biex tissolva din il-problema. Is-Sa Seguna qalet li hija anke ssuġġeriet lir-residenta biex tagħmel Protection mal-koxxa tal-ħajt bħal rubber tal-isleeping policeman, kif jkun hemm mal-kolonni tas-supermarkets fil-parking, imma din ma tridx. Allura kitbet imejl lil Kunsill biex it-triq ssir one-way minn naħa jew oħra kif l-aħjar għal kunsill basta li ssir one-way, ħalli jkun hemm aktar wiesgħa fejn tgħaddi karozza waħda biss u b'hekk ma jintlaqatx il-ħajt.

23.11.1.3 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li din t-talba ta' one way ma tiġix milqugħa. Ir-Residenti ser jerġa jsir kuntatt magħha mill-amministrazzjoni biex tara x'tista tagħmel hija personali biex iservi ta' ilqugħ għal ħajt. Bi one-way karozzi xorta jistgħu jsuqu għal fuq il-ħajt.

23.11.2.1 <u>Talba estenzjoni ta' doube yellow lines fi Triq Annibale Preca</u>
Resident għamel talba mal-Kunsill Lokali biex jitwalu d-double yellow lines li hemm diġà fi Triq Annibale Preca faċċata tal-garaxx tiegħu għaliex jekk dawn ma jitwalux xorta diffiċli biex jimmanuvra l-karozza mill-garaxx.

23.11.2.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u ser tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

23.11.3.1 <u>Talba double yellow lines fi Triq Preziosi</u>
Residenti qed jagħmlu talba biex faċċata tal-garaxx tagħhom fi Triq Preziosi li huwa garaxx basement, isir double yellow line, ħalli tkun faċli joħorġu mill-garaxx.

23.11.3.2 Il-Kunsill approva din it-talba u ser tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

23.11.4.1 <u>Kunsiderazzjoni li jitneħħa l-bank fi Triq il-Forn</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill biex jitneħħa l-bank li hemm fi Triq il-Forn, ħdejn l-għajn tal-ilma. Skond feedback li għandu l-Kunsill dan il-bank ma jiġix użat u mingħajru karozza tkun tista tipparkja aħjar.

23.11.4.2 Il-Kunsill unanimanent approva li dan jitneħħa.

23.11.5.1 <u>Skema – Minn Pjazza għal Pjazza</u>
Dan l-item diġà ġie diskuss aktar kmieni fil-laqgħa waqt il-komunikazzjoni tas-Sindku. Reġgħa ġie spjegat kif aktar il-quddiem ser tiġi mgħottija data lil Kunsilliera biex issir laqgħa flimkien mas-Sindku, dan biex naturalment tiġi diskussa din l-iskema u jekk il-kunsill jixtieqx jissottometti applikazzjoni u dwar liema tema. Appena jaslu għand il-Kunsill il-linji gwida dwar din l-inizjattivita dawn ser jiġu mgħoddija għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

23.11.6.1 <u>Diskussjoni – Kirja Binja tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill</u>
Is-Sindku qal kif dwar din il-materja kienet intbgħatet l-aħħar imejl lil Kunsilliera mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fejn ġie spjegat lilhom il-kundizzjonjiet il-ġodda li jixtieq is-Sid tal-post u dan wara li sar meeting miegħu. Ħafna mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt eżistenti ser jibqgħu l-istess, però s-sid jixtieq jgħolli daqsxejn il-kera u kull sena anke tiżdied daqsxejn aktar. Biż-żieda tal-kera ser jingħata wkoll il-basement kollu lil kunsill minflokk nofs kif qiegħed bħalissa. Pero jixtieq ukoll li jorbot lil Kunsill lokali joqgħod fil-binja l-ewwel sentejn sħaħ bilfors. Is-sindku qal kif huwa ser jiprova jerġa jkellmu biex din il-kundizzjoni ma ssirx għaliex jekk il-Kunsill jiġi biex jitlaq ser ikollu jħallas ta' sentejn issa li mhux daqshekk ġusta. Il-Kunsilliera qablu ukoll li din l-kundizzjoni għandha tibqa kif kienet oriġinali, fejn jekk il-Kunsill jiġi biex jitlaq wara li jagħti tlett xhur notice, iħallas biss ta' dik is-sena, sar-renewal li jkun jmiss. Il-Kunsill ser jivverifika anke dwar din il-kundizzjoni mal-avukat.

23.11.7.1 <u>Talba Sleeping policemen – Skola Primarja fi Triq Robert Mifsud Bonnici</u>
Is-Surmast tal-iskola primarja qed iressaq talba biex tiġi mplementatha sleeping policeman oħra jew anke tnejn fil-parti quddiem l-iskola. Huwa qal li sakemm tingħalaq it-triq, l-karozzi qed jgħaddu bi speed qawwi miż-żewġ naħat biex ma jilħqux isibu karozza oħra ġejja minn naħa l-opposta. Sakemm tingħalaq it-triq waqt id-dħul u l-ħruġ, ħafna tfal u parents ikunu għaddejjin mit-triq u hemm element kbir ta' safety u daqt jiġri aċċidenti sew u gravi.

23.11.7.2 Il-Kunsill ser jgħaddi din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

23.11.8.1 <u>Ritratti – Tindif ġo parti mill-ġnien</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku poġġew ritratti fuq il-mejda tal-Kunsill li juru biċċa xogħol tajba ta' tindif u żbir tal-ħaxix u siġar li għamel il-ġardinar f'dik il-parti tal-ġnien ma' ġenb tal-boċċi. Din il-biċċa art fl-aħħar reġgħat ġiet in order u kif suppost.

23.11.8.2 Il-Kunsilliera ħadu nota tax-xogħol bżonnjuż li sar.

23.11.9.1 <u>Proġett Kontroll tal-Ħamiem</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil Kunsill kollu kif hija nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar attendiet għal laqgħa organizzatha mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn wieħed mis-suġġetti li ġie diskuss fiha fost oħrajn kienet il-problema tal-ħamiem. Dan is-suġġett ġie diskuss minn uffiċjal tal-Pest Control, fejn informa lil Kunsilli Lokali kollha li kienu

preżenti, li bħala dipartiment qed jaħdmu biex fi żmien qarib jibda l-proġett ta' culling tal-ħamiem. Huwa spjega kif għandhom kollox lest bħala proċedura ta' kif ser jaħdmu u qed jistennew l-aħħar go ahead mingħand l-Ornis. Huma investew fi żewġ tipi ta' gaġeġ apposta bi traps biex jinqabdu l-ħamiem, fejn umbgħad ser jikko-ordinaw ma' kull kunsill lokali fejn dawn l-aħjar li jitpoġġew u jridu jitpoġġew fuq il-bjut. Dawn il-bjut iridu jkunu x'imkien aċċessibbli għal kul ħin mir-rapreżentanti tal-pestcontrol, biex x'ħin jimtlew joħduhom il-biċċerija, fejn il-ħamiem qabel jinqatel u biex l-mewta ma tkunx waħda krudili, Animal Welfare għamlet kundizzjoni li jridu jiġu fumigati bi cardon dioxide biex dan jistordi bilmod lil ħamiem. L-uffiċjal spjega ukoll li kemm il-darba jinqabdu għasafar jew tjur ta' tip ieħor inkluż ħamiem tat-tiġrija, ser ikun hemm xi ħadd apposta biex jsir vetting ta' dan qabel ma jittieħdu l-biċċerija.

23.11.9.2 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ser iżżom lil Kunsill kollu aġġornat appena jsir kuntatt mill-pest Control dwar meta ser tibda din il-proċedura ġewwa Ħal Lija.

23.11.10.1 <u>Ittra – M4.4 Financial correction Notification – Ħitan tas-Sejjieħ</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ittra mibgħutha mill-ARPA rigward il-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ li ilu għaddej bih il-Kunsill Lokali taħt M4.4. Fil-Qosor is-Segretarju Eżekuttiv fakret lil kunsilliera kif ix-xogħol tal-ħitan kollu lest u l-Kunsill kien qiegħed fl-istadji biex jagħlaq il-proċess tad-dokumentazzjoni mal-ARPA. Hija spjegat li peress li kien hemm ċertu dokumentazzjoni mhux kif mixtieqa mill-ARPA, il-Kunsill qed jiġi mitlub iħallas is-somma ta' €6,524.82 wara vetting u financial corrections li saru mill-ARPA.

23.11.10.2 Is-Sa Seguna qalet kif hija provat minn kollox biex id-dokumentazzjoni li kienet mitluba biex jingħalaq il-proċess tkun waħda kif suppost, però kien hemm ċertu dokumenti li kienu jiddependu jiġu mibgħuta kif suppost mingħand il-Kuntrattur u l-perit bħal, invoices u garanziji. Sfortunatament minkejja diversi kuntatti li saru kemm mal-perit u l-Kuntrattur din id-dokumentazzjoni baqgħet mhux ċara u għalhekk il-Kunsill m'għandhux għażla oħra ħlief li jħallas din is-somma, għaliex ARPA trid li l-proġett jingħalaq darba għal dejjem u ma jistax jibqa miftuħ aktar.

23.11.10.3 Il-Kunsill kollu unanimament aċċetta li din is-somma titħallas minnufih.

## 23.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

23.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 02/26 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €97.96 għax-xahar ta' Janar 2026.

23.12.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 02/26) kienet proposta għall-approvazzjoni mis-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 23.13 Mozzjonijiet

23.13.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 23.14 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

23.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rapreżentazzjoni dwarhom:
PA/00304/26 – 30, Triq Merino, Lija.
PA/00557/25 – 33, Taurcap Lodge, Triq il-Maħlut, Lija.
PA/00977/26 – 7 & 9, Triq Ramiro Barbaro, Lija.

23.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

23.14.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, ma jiġux sottomessi ittri ta' rappreżentazzjoni fuq l-ebda PA.

## 23.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

23.15.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

23.15.2 Il-Viċi Sindku kkumenta dwar l-attivita taċ-ċitru, fejn qal proset u rringrazzja lil kull min kien parti minn din l-attivita għax kienet waħda ta' suċċess u mill-aqwa. Is-Sindku Anthony Dalli qabel mal-kummenti tal-Viċi Sindku u hawn hekk ukoll ħa l-opportunita li jirringrazzja l-ewwel lil Viċi Sindku tas-sehem qawwi tiegħu li ta, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu. Irringrazzja lil kull min għin u ta l-għajnuna biex dan il-festival setgħa jkun ta' suċċess inkluż is-Soċjeta Agrarja.

23.15.3 Wara il-Viċi Sindku spjega kif kien qed jorganizza ħarġa kulturali bit-tijr li ssir fi Frar però ma kienx possibbli li ssir. Huwa qal kif issa allura ser ikun qed jaħdem fuq ħarġa kulturali fid-19 ta' Marzu propju fil-festa ta' San Ġużepp. Huwa spjega kif din il-ħarġa ser tkun qed ssir lejn ir-Rabat. Bookings aktarx ser ikunu sas- 17 ta' Marzu sa 12:00pm u transport bħas-soltu ser ikun ssussidjat mill-Kunsill. Ser ikun qed jiġi ppreparat l-avviż bid-dettalji kollha.

23.15.4 Il-Viċi Sindku kompla jgħid kif wara din il-ħarġa, ser ikun qed jaħdem fuq ħarġa oħra u aktarx li ssir fit-2 ta' April, biex isiru s-seba visti. Huwa qal kif din is-sena jixtieq li s-seba visti jsiru fl-akwati ġirien ta' Ħal Lija fosthom: Mosta, Naxxar, Għargħur, B'kara, Balzan, Attard u l-aħħar vista tkun ġewwa Ħal Lija stess. Aktar dettalji ser joħorġu aktar il quddiem.

23.15.5 Wara l-Viċi Sindku qal kif jixtieq li ssir ħarġa kulturali oħra fl-10 ta' April, fejn ser jiprova jaħdem biex ssir żjara l-Bkara railway station, bi gwida tispjega t-tour u t-trasport ikun ssussidjat. Parti miż-żjara jkun hemm ċans għal ftit kafè u te li jkunu nklużi fil-ħlas tad-donation biex wieħed jidħol ir-railway station. Aktar dettalji l-quddiem.

23.15.6 Il-Viċi Sindku semma anniversarju mportanti fl-istorja ta' Malta bħala pajjiż u anke fil-politika nazzjonali, dak li seħħ fis- 27 ta' Mejju 1921 meta sar il-ftehiem kostituzzjonali u dan il-ftehiem kien propju sar ġewwa t-Torri Belvedere. Huwa tal-opinjoni li għalhekk isir programm ta' ċerimonja u anke ssir lapida bħala tfakkira ta' dan l-anniversarju u jekk possibbli jixtieq li ssir fis-27 ta' Mejju 2026. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni u s-Sindku qal kif issa jara jkellimx lil Prof. Cassar forsi jkun jista jagħmel speech żgħira.

23.15.7 Is-Sur Ċini, semma anniversarju ieħor importanti dak li ħabat fit-3 ta' Jannar 1942, meta infetħet l-akbar u l-ewwel Victory Kitchen ġo Malta, propju ġewwa Ħal Lija. Huwa jixtieq li wkoll issir tfakkira ta' dan l-anniversarju possibbilment fit- 3 ta' Jannar 2027.

23.15.8 Is-Sindku Anthony Dalli qal kif sfortunatament din is-sena l-Kunsill ma laħaqx ħaseb biex isir xi ħarġa jew attività għa Jum il-Mara. Għalhekk ser ikun qed jaħdem huwa minn qabel biex ma jiġrix l-istess għal Jum l-Omm. Ser ikun qed jaħdem biex titella attività sabiħa għal Jum l-Omm u aktar dettalji ser jingħataw il-quddiem.

23.15.9 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia qalet li kellha daqsxejn ilmenti meta kien qed isir ix-xogħol kemm fi San Alwiġi Consaga u anke fi Triq il-Kunċizzjoni. Diversi residenti gergru li mill-lejl għan-nhar sabu dawn it-toroq magħluqa u kellhom diffikultà filfatt biex jirreversjaw u jaraw minn fejn ser jgħaddu l-aħjar, jew inkella jieħdu dwar sħiħa għalxejn mar-raħal. Dawn ir-residenti xtaqu li kienu nfurmati qabel ma ngħalqu t-toroq kompletament. Is-Sindku wieġeb kif dan ix-xogħol u l-għeluq tat-toroq ġew imposti fuq il-Kunsill ukoll u ma kienx hemm mod ieħor għaliex anke l-Kunsill kien nfurmat tard u ma kienx hemm biżżejjed żmien biex jinħarġu l-avviżi għar-residenti. Pero s-Sur Dalli spjega kif xorta kien hemm tabelli viżibbli għal kulħadd fil-lokalita u filfatt minn meta ngħalqet triq il-Kunċizzjoni, l-Kunsill minnufih ħa ħsieb li jpoġġi tabella fi Triq il-Kbira fejn l-għajn tal-ilma biex dak li jkun jinduna mal-ewwel bl-għeluq u ma joqgħodx jieħu dawra twila għalxejn. Huwa kopja jgħid kif anke it-tarmac fi San Alwiġi Consaga sar f'daqqa waħda, meta l-Kunsill Lokali kien ilu jiġri ħafna wara l-Kuntrattur biex dan isir. Is-sitwazzjoni hija daqsxejn antipatka meta jsir xogħol fid-djuq.

23.15.10 Is-Sa Farrugia Muscia tkellmet ukoll fuq il-flixken tal-plastik u bottijiet għaliex kien hemm xi residenti u reġgħu sabuha fej qalulha li Ħal Lija għadt m'hawnx magna tal-BCRS u dak li jkun irid joqgħod jimxi bil-boroż sas-supermarket. Is-Sindku wieġeb kif għal-anzjani hemm is-servizz tal-van bi portable BCRS li jdur mal-irħula, però s-Sa Farrugia Muscia qalet li hija avviċinawha nies mhux anzjani imma dawn insertaw ma jsuqux. Is-Sindku qal kif Ħal Lija l-Kunsill prova jġib magna tal-BCRS, però fejn ġie propost mill-Kuntrattur stess fil-Pjazza kien hemm min oġġezzjoni u fil-pjazza mhux posta speċjalment minħabba l-ħmieġ. Huwa kompla jgħid li minkejja dan il-Kunsill ma waqafx hemm u ta suġġeriment lil kuntrattur li l-BCRS tista tpoġġa fejn l-ibins fi Triq San Mikiel wara qbil mill-Kunsill kollu. Pero l-Kuntrattur qal li wara li kien iċċekkja s-sit, fejn l-ibins mhux viabbli. Din hija xi ħaġa apparti mill-

Kunsill Lokali u minkejja l-isforzi tal-Kunsill biex din forsi ssir, l-Kuntrattur ma laqax it-talba bil-location l-ġdida mgħottija.

23.15.11 Is-Sa Farrugia Muscia qed tissuġġerixxi li meta l-Kunsill ikun jaf bi qtugħ fil-provista tad-dawl jew ilma u jirċievi xi notifika mill-entitajiet, apparti li dawn jintbgħatu bl-imejl u jitellaw fuq il-FB, hija qed tisuġġerrixi biex dawk l-anzjani li la jużaw l-imejl u lanqas il-FB, tintbgħatilhom in-notifika bil-posta d-dar. Sintendi dan jekk in-notifika tiġi ċertu żmien minn qabel għaliex is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif ġili l-Kunsill ikun nfurmat u jirċievi ċertu notifika dakinhar stess tal-qtugħ. Pero fejn hu possibbli u diment li jkun hemm nies available biex ittra b'dawn it-tip ta' notifika jitqassmu, ma kienx hemm oġġezzjoni.

23.15.12 Il-Ħin kien 6:05pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu 2026 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-16:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum il-Ħamis 26 ta' Marzu 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111

| Mail Reference | Date | Name | Surname | Subject |
|---|---|---|---|---|
| LLC JAN 2026/000031 | 09/01/2026 | Farrugia, Gatt & Falzon | Avukati | Ittra lil- residenta (Jackie Micallef) |
| LLC JAN 2026/000032 | 12/01/2026 | Dr. Errol Cutajar | Avukat | Re: Letter - Triq il-Kuncizzjoni alley 1 |
| LLC JAN 2026/000033 | 13/01/26 | Richard Paul Agius | DLG | Fw: Onorarja tas-Sindki u allowances ghall-Presidenti, Sindki u Kunsilliera ghas-Sena 2026 |
| LLC JAN 2026/000034 | 13/01/26 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Incident bejn il-Mosta u Ħal Lija |
| LLC JAN 2026/000035 | 13/01/26 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Triq il-Kunċizzjoni sqaq nru 1 - Ilmenti. |
| LLC JAN 2026/000036 | 13/01/26 | Svetlick Flores | LESA | Re: Update u extension dwar l-iskema - Fondi ghall-progetti fil-Komunita' |
| LLC JAN 2026/000037 | 13/01/26 | Lars Cutajar | Resident | Ongoing lack of street cleaning and non functioning street lights in Triq il-Mitħna. |
| LLC JAN 2026/000038 | 13/01/26 | Dana Kostapa | Resident | Danger of Stones Falling |
| LLC JAN 2026/000039 | 13/01/26 | Perit Clara Farrugia | Water Services | Re: Good Governance - Triq Preziosi |
| LLC JAN 2026/000040 | 14/01/26 | Chanise Mallia | LESA | Uffiċjali tal-komunita' - Festival taċ-Ċitru 2026 |
| LLC JAN 2026/000041 | 14/01/26 | Oluwabunmi Kolawole | Grant Thornton | Re: 2025 Lija Local Council Audit |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC JAN 2026/000042 | 14/01/26 | Svetlick Flores | LESA | Re: Telefonata |
| LLC JAN 2026/000043 | 15/01/26 | Philip Grima | Resident | Pavement Obstruction by 3 bollards |
| LLC JAN 2026/000044 | 15/01/26 | Marthese Grech | Reġjun Ilvant | Re: Ċir AKL 2023/045 |
| LLC JAN 2026/000045 | 15/01/26 | Magdalene Tayyar | Residenta | Re: Bollards at Junction pf Annibale Preca and Massimiliano Debono str. |
| LLC JAN 2026/000046 | 15/01/26 | Silvio Ivan | Sanita' | Re: Rat Treatment Lija |
| LLC JAN 2026/000047 | 16/01/26 | Lawrence Darmanin | Surmast | Re: Puluzija/ Uffiċjal - waqt id-dħul u ħruġ tal-iskola |
| LLC JAN 2026/000048 | 16/01/26 | Dorianne Diacono | DLG | Re: Allokazzjoni Finanzjarja 2026 - L-Ewwel Kwart |
| LLC JAN 2026/000049 | 18/01/26 | Rudolph Cassar | Resident | Re: Triq il-Kunċizzjoni sqaq nru 1 - Formal request for double yellow lines & Resolution of access issues following road resurfacing. |
| LLC JAN 2026/000050 | 19/01/26 | Galea Scanura | Supretendent | Re: Festival Taċ-Ċitru 2026 |
| LLC JAN 2026/000051 | 20/01/26 | Marilyn Grech | Ombudsman | Re: Case No OMB-26-7053 |
| LLC JAN 2026/000052 | 20/01/26 | Edric Micallef | Transport Malta | Re: Permit to sell flowers for Valentine's Day |
| LLC JAN 2026/000053 | 20/01/26 | Magdalene Tayyar | Residenta | Ref: 32/TMD/25/25 |
| LLC JAN 2026/000054 | 21/01/26 | Claudia Stafrace | DLG | Re: PQ 33703 - Kunsill Lokali - Kiri ta' Uffiċini |
| LLC JAN 2026/000055 | 21/01/26 | Clayton Damato | Perit | Re: Kantun ġo dranaġġ tar-resident 23, Triq Preziosi |
| LLC JAN 2026/000056 | 21/01/26 | Claudia Stafrace | DLG | Re: PQ 33703 - Kunsill Lokali - Kiri ta' Uffiċini |
| LLC JAN 2026/000057 | 21/01/26 | Justine Decelis | AKL | Ċirk AKL 2026/008_ Bidliet fl-ispezzjonijiet tad-Dawl tat-Toroq. |
| LLC JAN 2026/000058 | 22/01/26 | Mary Schembri | LANDS | Re: Mayor & Exec Secretary - Particulars Required. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC JAN 2026/000059 | 22/01/26 | Kyle Abela | Infrastructure Malta | IM - Payment Kunsill Lokali |
| LLC JAN 2026/000060 | 22/01/26 | Silvan Abdilla | Maestro | Minima Music Group. |
| LLC JAN 2026/000061 | 22/01/26 | Emil Vassallo | DLG | Fatti dwar il-ġabra tal-iskart li ma saritx it-Tlieta 20 ta' Jannar. |
| LLC JAN 2026/000062 | 23/01/26 | Marvic Vella | Planning Authority | Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar. |
| LLC JAN 2026/000063 | 23/01/26 | Jeanette Galea | Reġjun Ilvant | Re: Trasferiment ta' Fondi - SPI/SCI/04/2023 - Komunitajiet aktar Siguri. |
| LLC JAN 2026/000064 | 23/01/26 | Alexia Borg | Water Services | Fw: Triq il-Mosta ma triq Agostino Portelli |
| LLC JAN 2026/000065 | 26/01/26 | Clayton Damato | Perit - ACB | Fw: Request for filling gap on triq Preziosi |
| LLC JAN 2026/000066 | 26/01/26 | Antonella Vassallo | Residenta | Kunsill tat-Tfal. |
| LLC JAN 2026/000067 | 26/01/26 | Clara Farrugia | Perita - WSC | Fwd: WSC 2164/24 - Triq il-Kunċizzjoni. |
| LLC JAN 2026/000068 | 26/01/26 | Clayton Damato | Perit - ACB | Fwd: Triq Mons. Joseph Fenech - no 21 |
| LLC JAN 2026/000069 | 26/01/26 | Justine Decelis | AKL | Ċir AKL 2026/009_Kollaborazzjoni ghat-Tifi tad-Dwal waqt l-attivita' tal-Earth Hour 2026. |
| LLC JAN 2026/000070 | 27/01/26 | Antonella Vassallo | Residenta | Re: Youth Club Event. |
| LLC JAN 2026/000071 | 27/01/26 | Fr Edgar Busuttil | Istitut Paulo Freire | Ringrazzjament |
| LLC JAN 2026/000072 | 29/01/26 | Nathaniel Grech | Archiplus | Re: Urgent road safety concern - immediate need for zebra crossing in Mosta Road. |
| LLC JAN 2026/000073 | 28/01/26 | Karen Scicluna | MCLG | Save the date - 12/02/2026 |
| LLC JAN 2026/000074 | 29/01/26 | Antoinette Conti | TM | Re: Lija - double yellow lines. |
| LLC JAN 2026/000075 | 30/01/26 | Profs. Stephanie Fabri | | Re: Belvedere Suites - Triq il-Mithna c/w Triq Depiro Gurgioun - Waste & Littering. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC JAN 2026/000076 | 30/01/26 | James Hamberger | Reġjun Ilvant | Reġjun Ilvant Football 2026 - Save the Date. |
| LLC JAN 2026/000077 | 30/01/26 | Marthese Grech | Reġjun Ilvant | Payments January 2026 |
| LLC JAN 2026/000078 | 31/01/26 | Charlene Scerri | Cleansing Department | Re: Ticket 215244 - Siġar ġewwa triq Sir Ugo Mifsud |
| LLC FEB2026/000079 | 02/02/2026 | Myriam Saia | Planning Authority | PA/05929/25 - Planning Authority communication. Notification of Decision Notice. |
| LLC FEB2026/000080 | 02/02/2026 | Jeanette Abdilla | DLG | Government Division; Monitoring at Local Division. Re: Case 6/2026 - Deputat Segretarju Eżekuttiv. |
| LLC FEB2026/000081 | 02/02/2026 | Marica Axiaq | DLG | FW: Contract Agreement. |
| LLC FEB2026/000082 | 02/02/2026 | Ryan Żammit | Reġjun Ilvant | 2025 Waste Management Data. |
| LLC FEB2026/000083 | 02/02/2026 | Duncan Busuttil | Infrastructure Malta | Re: Triq Mons. Joseph Fenech ex Triq Preziosi - Ftehim ma IM. |
| LLC FEB2026/000084 | 02/02/2026 | Emil Vassallo | DLG | Urgent - Preliminary Assesment for EU solidarity fund (Storm Harry, 19 January 2026) |
| LLC FEB2026/000085 | 02/02/2026 | Gabria Gatt | Spettur | Re: Ronda Ġnien Ċentru Rikreattiv. |
| LLC FEB2026/000086 | 02/02/2026 | Dorianne Farrugia | Police | Re: Karozzi pparkjati fuq ic-Charging Pillar. |
| LLC FEB2026/000087 | 02/02/2026 | Annalise | Transport Malta | Re: Mosta Road |
| LLC FEB2026/000088 | 02/02/2026 | Ian Magro | AKL | Ċir AKL 2026/011 - Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus ghall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. |
| LLC FEB2026/000089 | 02/02/2026 | Edric Micallef | TM | Re: Valentine Permit |
| LLC FEB2026/000090 | 02/02/2026 | James Hamberger | Reġjun Ilvant | Eastern Regional Football Tournament - Change of Date. |
| LLC FEB2026/000091 | 02/03/2026 | Andrea Borg Brincat | Reġjun Ilvant | Servizz Reġjonali ta' Arborista |
| LLC FEB2026/000092 | 02/03/2026 | Nikolic Tristan Nemanja | Project Green | Re: Notification of Extended Working hours - Merino Garden Project |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC FEB2026/000093 | 02/03/2026 | Mariah Meli | TM | Re: Follow up on Mobilty Initiatives Discussed |
| LLC FEB2026/000094 | 02/02/2026 | Ian Magro | AKL | Group Personal Accident - Summary of Cover |
| LLC FEB2026/000095 | 02/04/2026 | Leslie Anne Mintoff | Perita - EM Architects | Re: Release of Bank Garuantee |
| LLC FEB2026/000096 | 02/04/2026 | Donna Bonello Bedingfield | Heritage Malta | Heritage Malta Senior Passport |
| LLC FEB2026/000097 | 02/04/2026 | Domenic Vella | TM | Re: No Parking Signs - Naxxar Rd |
| LLC FEB2026/000098 | 02/04/2026 | Isaac Falzon | ESS | Re: Electric Vehicle charger quote |
| LLC FEB2026/000099 | 02/05/2026 | Maria Bonnici | DLG | Re: Unaudited Financial Statements 2025 - Date of the council meeting |
| LLC FEB2026/000100 | 02/05/2026 | Eilis McCullough | ADI | Re: Count Request - Robert Mifsud Bonnici str. |
| LLC FEB2026/000101 | 02/05/2026 | Eilis McCullough | ADI | Re: Pa 01472/25 - Vacant plot - Triq Ġużeppi Cali |
| LLC FEB2026/000102 | 02/05/2026 | Denise Vella | Surġent | Re: Ronda Ġnien Ċentru Rikreattiv. |
| LLC FEB2026/000103 | 02/05/2026 | Jessica Galea | Project Green | Re: Project Green works - impact on residence of Mr. Anthony Camilleri. |
| LLC FEB2026/000104 | 02/06/2026 | Joseph Galea | Infrastructure Malta | Re: Trejqet Francis A. Fenech - Kuntrattur imqabbad minn IM. |
| LLC FEB2026/000105 | 02/06/2026 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Trejqet il-Kjeriku Ġakbu Abela |
| LLC FEB2026/000106 | 02/06/2026 | Justine Decelis | AKL | Ċir AKL 2026/013_ Risk Assesments ghall-Avvenimenti Pubbliċi. |
| LLC FEB2026/000107 | 02/06/2026 | Kirsty Gafa | MTA | Re: Skema t'Ghajnuna ghat-Tiżjin tal-Milied fil-Lokalita' 2025 - 2026 |
| LLC FEB2026/000108 | 02/06/2026 | Vanessa Azzopardi | DLG | Ħlasijiet ghas-Servizzi tat-Transport. |
| LLC FEB2026/000109 | 02/09/2026 | Philip Debono | Resident | Ħsarat fil-Gallarija - Triq San Alwiġi Gonsaga |
| LLC FEB2026/000110 | 02/09/2026 | Ian Magro | AKL | Fw: Ċir Akl 2026/012 - Personal Accident Policy. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC FEB2026/000111 | 02/09/2026 | Louiselle Zammit | Cleansing | Re: Ticket #772160 - Boroż tal-Cleansing fi Pjazza Trasfigurazzjoni |
| LLC FEB2026/000112 | 02/11/2026 | Ian Magro | AKL | Re: Ċir Akl 2026/011 - Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus ghall-kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. |
| LLC FEB2026/000113 | 02/09/2026 | Antoinette Conti | Transport Malta | Re: Ref: 32/TMD/25/25 |
| LLC FEB2026/000114 | 02/09/2026 | Dr. Audrey Demicoli | Perit | Re: Parking Spaces bejn il-linji. |
| LLC FEB2026/000115 | 02/09/2026 | Rachel Xuereb | ADI Associates | Fw: Count Request - Triq Robert Mifsud Bonnici |
| LLC FEB2026/000116 | 02/09/2026 | Justine Decelis | AKL | Ċir Akl 2026/015_ Invitation Webinar 25 Feb: Alda + Training Courses. |
| LLC FEB2026/000117 | 02/09/2026 | Robert Tabone | DLG | Fw: Urgent: Preliminary Assesment for EU Solidarity Fund (Storm Harry, 19th Jan) |
| LLC FEB2026/000118 | 02/11/2026 | Mary Schembri | Lands Authority | Renewal of Lease Agreement - L109/2010 |
| LLC FEB2026/000119 | 02/11/2026 | Marco Pace | DLG | SPI/SPC/9/2022 - Finanzjament ta' Progetti Kapitali - Komunitajiet isbah u aktar b'sahhithom |
| LLC FEB2026/000120 | 02/11/2026 | Clyton Damato | Perit | Fwd: Letter - re works triq Mons Joseph Fenech |
| LLC FEB2026/000121 | 02/11/2026 | Kevin Formosa | Resident | Re: Urgent - Pruning Triq Nazju Cortis. |
| LLC FEB2026/000122 | 02/11/2026 | Ulric Clyde Degabriele | Cleansing | Re: Ticket #263220 - Triq Nazju Cortis. |
| LLC FEB2026/000123 | 02/11/2026 | Justine Decelis | AKL | Ċir Akl 2026/010_ Bridges of Trust: Laqgha Online. |
| LLC FEB2026/000124 | 02/12/2026 | James Hamberger | Reġjun Ilvant | Invitation to launch of Gozo virtual tours. |
| LLC FEB2026/000125 | 02/12/2026 | | ERA | Complaint No: - CRM00710/26 - Depiro Gourgion Str. |
| LLC FEB2026/000126 | 02/12/2026 | Eilis McCullough | ADI Associates | Appeal PA/02305/25 (PAB/00400/25) |
| LLC FEB2026/000127 | 13/02/26 | Isaac Azzopardi | ERA | CP Permitting |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC FEB2026/000128 | 13/02/26 | Dorianne Diacono | DLG | Re: Allokazzjoni Finanzjarja 2026 - L-ewwel Kwart |
| LLC FEB2026/000129 | 13/02/26 | Audrey Demicoli | Transport Malta | Re: Kunsill Lokali Hal Lija parking spaces bejn il-linji |
| LLC FEB2026/000130 | 13/02/26 | Audrey Demicoli | Transport Malta | RE: FW: Pavement Request for Preziosi Street Lija |
| LLC FEB2026/000131 | 13/02/26 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Road signs Gannikol Buhagiar Str. Lija |
| LLC FEB2026/000132 | 16/02/26 | Rudolph Cassar | Resident | Re: Triq il-Kuncizzjoni Sqaq Nru.1 |
| LLC FEB2026/000133 | 17/02/26 | Azzopardi Isaac | ERA | CP Permitting |
| LLC FEB2026/000134 | 17/02/26 | James Dimech | Resident | Absence of Street lighting in Carmelo Farrugia |
| LLC FEB2026/000135 | 17/02/26 | Magdalene Tayyar | Resident | Re: Ref: 32/TMD/25/25 |
| LLC FEB2026/000136 | 17/02/26 | Justine Decelis | AKL | Invitation webinar Cities & Regions Network of EIT Culture & Creativity |
| LLC FEB2026/000137 | 18/02/26 | Kurt Magro | Transport Malta | Re: Mosta Road |
| LLC FEB2026/000138 | 17/02/26 | | WSC | Re: Xogholijiet ta' Main gdid fi Triq il-Kuncizzjoni, Lija |
| LLC FEB2026/000139 | 17/02/26 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Trejqet Kjeriku Gakbu Abela |
| LLC FEB2026/000140 | 17/02/26 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Triq il-Kuncizzjoni Sqaq Nru.1 |
| LLC FEB2026/000141 | 18/02/26 | Ian Magro | AKL | Re: Cir AKL 2026/012 - Personal Accident Policy |
| LLC FEB2026/000142 | 18/02/26 | Kevin Agius | Resident | Urgent Drainage Problem - Antonio Azzopardi Str. |
| LLC FEB2026/000143 | 18/02/26 | Julian Maempel | Resident | RE: 11, Sqaq Nru.1 Triq il-Kuncizzjoni, Lija |
| LLC FEB2026/000144 | 18/02/26 | Justine Decelis | AKL | Cir AKL 2026/018 - Bus Shelters Seminar |
| LLC FEB2026/000145 | 18/02/26 | Stephanie Fabri | Resident | Re: Belvedere Suites Waste & Littering |